# SANNAT MITT SENA ARCIPRETALI

**It-Twaqqif tal-Parroċċa u l-Ewwel Kappillan**

Meta l-Isqof David Cocco Palmeri għamel iż-żjara pastorali tiegħu f'Sannat fil-21 ta' April, 1687, huwa ra l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies ta' dawn l-inħawi. Għalhekk fis-sena ta' wara, preċiżament fit-28 ta' April, 1688, bid-Digriet '*Cum in prima*' iddeċieda li jwaqqaf il-parroċċa ta' Santa Margerita ta' Sannat bħala parroċċa flimkien ma' tliet parroċċi oħra.

Il-parroċċa ta' Sannat hija msemmija l-ewwel fost il-parroċċi l-ġodda u din il-preċedenza qabel ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ damet għal aktar minn mitejn sena. Din il-preċedenza kienet ġejja minħabba l-fatt li Dun Lazzru kien l-aktar anzjan skond id-data ta' l-ordinazzjoni fost dawn l-erba' kappillani ġodda. Għaldaqstant, il-parroċċa ta' Sannat ġiet imniżżla l-ewwel. Fl-istess digriet, l-Isqof Cocco Palmeri fisser li din il-preċedenza għandha tibqa' fis-seħħ.

Bħala l-ewwel kappillan ġie maħtur Dun Lazzru Camilleri. Dun Lazzru li kien mir-Rabat ġie nominat kappillan ta' Sannat bid-digriet '*Vitae ac morum*' li ħareġ fis-6 ta' Ġunju, 1689 u fl-10 ta' l-istess xahar ħa l-pussess bħala l-ewwel kappillan. Dam imexxi l-parroċċa sakemm irriżenja fis-17 ta' Settembru 1709 minħabba li kien marad.

**Mitejn sena bħala kappillani**

Wara Dun Lazzru laħaq Dun Alessandru Aquilina miż-Żebbuġ. Ħa l-pussess fid-19 ta' Ottubru, 1709. Baqa' kappillan tal-parroċċa sakemm miet fit-22 ta' Mejju 1744 u ġie midfun fil-knisja parrokkjali.

Warajh sar Dun Injazju Mizzi bħala t-tielet kappillan. Kien mir-Rabat. Ħa l-pussess fid-29 ta' Novembru 1744. Fi żmienu ġiet ikkonsagrata l-knisja parrokkjali li nbniet matul il-parrokat ta' Dun Lazzru u Dun Xand. Dun Injazju kompla lesta l-artal u ħwejjeg oħra meħtieġa fil-knisja. Fid-19 ta' Ottubru 1755 l-Isqof Pawl Alpheran de Bussan ikkonsagra l-knisja u l-artal. Dun Injazju miet fit-3 ta' Marzu 1759 u kien midfun fil-knisja parrokkjali.

Dun Ġwann Gatt sar ir-raba' kappillan tal-parroċċa ta' Sannat. Kien ukoll mir-Rabat. Fit-13 ta' Ġunju 1759 ħareġ id-digriet tal-ħatra tiegħu u fit-12 ta' Settembru ħa l-pussess. Dam imexxi l-parroċċa sakemm irriżenja fis-26 ta' Mejju 1779 minħabba li ma kienx jiflaħ iżjed. Hu miet fid-29 ta' Mejju u ndifen fil-Knisja parrokkjali ta' San Pawl, il-Belt Valletta.

Il-ħames kappillan kien Dun Salv Grech, diġà vigarju parrokkjali fi żmien il-kappillan Gatt. Dam kappillan sakemm inħatar Kanonku tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija. Baqa' jħobb ħafna din il-parroċċa, tant li meta miet fl-24 ta' Diċembru, 1818, huwa ġie midfun f'din il-knisja parrokkjali kif kien wera x-xewqa qabel ma miet.

Wara Dun Salv, ġie magħżul bħala kappillan ta' Sannat Dun Sidor Mizzi. Hu ħa l-pussess fl-10 ta' Marzu, 1810. Baqa' kappillan sa l-20 ta' Awissu, 1831 meta Sun Sidor ġie maħtur bħala kanonku teologu fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Miet fid-19 ta' Awissu 1844 u kien midfun fil-Knisja Matriċi.

Dun Alessandru Cauchi, mix-Xewkija, sar is-seba' kappillan tal-parroċċa ta' Sannat. Fil-31 ta' Mejju, 1832 ġie magħżul kappillan u mbagħad fis-26 ta' Awissu ta' l-istess sena

għamel l-ingress solenni fil-parroċċa bħala kappillan. Dam kappillan f'din il-parroċċa sakemm miet fit-22 ta' Jannar 1862 u kien midfun fl-istess knisja parrokkjali.

It-tmien kappillan kien Dun Franġisk Borg, mir-Rabat Għawdex, diġà kanonku tal-Knisja Matriċi. Id-digriet tal-ħatra tiegħu ħareġ fl-14 ta' Mejju 1862 u fil-31 ta' Mejju sar l-ingress tiegħu bħala kappillan ta' Sannat. Ma damx wisq kappillan tal-parroċċa għaliex fit-23 ta' Diċembru 1862 sar arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ. Hu miet fit-2 ta' Mejju 1864 u ndifen fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.

**Minn kappillan isir Arċipriet**

Dun Ġwann Andrea Vella, qassis min-Nadur, inħatar bħala d-disa' kappillan tal-parroċċa. Kemm dam kappillan hu kabbar il-knisja darbtejn: għamel iż-żewġ kappelluni fl-1868 u aktar tard fl-1883 kompla jtawwal il-korsija bil-faċċata u ż-żewġ kampnari, kif wieħed jara llum. Meta l-bini tal-knisja kien tlesta, il-kappillan Vella ħaseb biex jiċċelebra bil-kbir il-mitejn sena mit-twaqqif ta' din il-parroċċa fl-1888. Għal din l-okkażjoni kienet iżżanżnet is-sagristija l-ġdida kif ukoll tkabbret il-pjazza quddiem il-knisja. Ħadu sehem għal dawn il-festi l-baned ta' l-Istilla u ta' l-Iljun. Ma naqasx il-ħsieb li f'dawn il-festi bi-ċentinarji tintalab xi dinjità għall-parroċċa. Ġara li ftit xhur wara l-Isqof Pace kien trasferit għal Malta u l-ħaġa donnha raqdet għal xi żmien.

Fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Ġwann Marija Camilleri fl-4 ta' Diċembru 1892 intweriet ix-xewqa għal xi dinjità lill-parroċċa. L-Isqof Camilleri ma warrabx din it-talba. Fl-istess viżta pastorali l-Isqof kellu talbiet oħra simili mill-parroċċi tax-Xewkija, tax-Xagħra, tan-Nadur u taż-Żebbuġ. L-Isqof Camilleri kiteb Ruma u wera li l-parroċċa ta' Sannat, li fl-1688 kienet ingħatat il-preċedenza fuq it-tliet parroċċi l-oħra, kien jixirqilha t-titlu arċipretali.

Il-Papa Ljun XIII laqa' t-talba ta' l-Isqof u permezz tal-Brevi '*Curiales Aedes*' tad-19 ta' Diċembru 1893, iffirmat mill-Kardinal Luigi Serafini, għolla l-parroċċa ta' Santa Margerita ta' Sannat għad-dinjità ta' Arċipretali. Il-Brevi tgħid li l-parroċċa ta' Sannat kien jixirqilha dan l-unur minħabba li kienet qadima u wkoll minħabba t-tempju monumentali mibni fil-qalba ta' l-istess parroċċa. B'hekk Sannat sar il-ħames parroċċa ta' Għawdex b'dan it-titlu wara l-Katidral, l-Għarb, ix-Xewkija u x-Xagħra. Il-Brevi tkompli bl-għotja tat-titlu ta' arċipriet u d-drittijiet marbuta ma' dan it-titlu lill-kappillan '*pro tempore*'. Fost dawn id-drittijiet l-arċipriet kien jilbes salib pettorali fuq sidru.

B'effett tal-Brevi l-kappillan Dun Ġwann Andrea Vella sar l-ewwel Arċipriet tal-parroċċa. Hu ħa l-pussess bħala l-ewwel arċipriet il-Ħamis, 28 ta' Diċembru, 1893. Din iċ-ċelebrazzjoni solenni bdiet bil-purċissjoni mid-dar tiegħu sal-knisja. Fiha ħadu sehem mhux biss l-Arċipriet Vella, imma wkoll il-fratellanzi u l-kleru tal-parroċċa, fosthom Dun Salv Vella, kanonku onorarju tal-Katidral, li jiġi ħuh. Il-pussess ingħata min Monsinjur Mikelanġ Refalo, vigarju ġenerali u protonotarju apostoliku.

B'dan it-titlu arċipretali, il-parroċċa ta' Sannat żammet il-preċedenza fuq il-parroċċa tax-Xagħra, minkejja li din kienet ingħatat l-istess titlu qabel. Tant li fil-purċissjoni ta' San Girgor li saret is-sena ta' wara, fit-12 ta' Marzu, 1894, il-Kleru u n-nies ta' Sannat imxew wara

tax-Xagħra u qabel tax-Xewkija. L-Arċipriet Vella kien ukoll ta' spiss jiġi mistieden jieħu sehem fil-festi tal-parroċċi l-oħra bħala arċipriet.

**Mitt sena bħala Arċipretali**

L-Arċipriet Vella kien l-aktar wieħed fost ir-ragħajja ta' din il-parroċċa li dam imexxi din il-parroċċa, l-ewwel bħala kappillan imbagħad bħala arċipriet. Dam b'kollox 52 sena. Hu dam sakemm miet, fil-21 ta' Frar, 1916 u ġie midfun fil-qabar li hejja għalih u għal ħutu u l-Arċiprieti suċċessuri tiegħu fil-knisja parrokkjali, fil-kappellun tal-Kurċifiss. Dan hu l-uniku qabar eżistenti fil-knisja bl-iskrizzjoni fuqu bil-Latin.

It-tieni Arċipriet tal-parroċċa kien Dun Ġużepp Farrugia, mix-Xagħra. Fl-4 ta' Ġunju 1916 għamel il-pussess. Hu dam Arċipriet sat-13 ta' Lulju, 1925 sakemm inħatar kanonku kapiturali tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Hu miet nhar id-19 ta' Awissu 1940 u kien midfun fil-kripta tal-Katidral.

Dun Ġużepp Cassar, mir-Rabat, sar it-tielet Arċipriet tal-parroċċa ta' Sannat. Hu ħa l-pussess ta' Arcipriet nhar is-16 ta' Mejju 1926. Baqa' Arċipriet sakemm miet nhar id-19 ta' Frar, 1950 u kien midfun fil-qabar li hejja għalih u għas-suċċessuri tiegħu fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita ta' l-istess parroċċa.

Warajh sar Dun Ġorġ Debrincat, l-ewwel saċerdot li mexxa l-parroċċa ta' Sannat imwieled f'din l-istess parroċċa. Ħa l-pussess tal-parroċċa fit-23 ta' April ta' April 1950. Fi żmienu l-parroċċa ta' Sannat saret Matriċi, meta l-Munxar twaqaf parroċċa fit-12 ta' Diċembru, 1957. Fl-1968 kienu saru l-festi f'egħluq il-mitt sena mit-tieni konsagrazzjoni ta' l-artal u t-tberik tal-kappelluni. Dak in-nhar kienet inġabet minn Montefiascone r-relikwija insinji tar-Ras ta' Santa Margerita. Dam Arċipriet sa l-aħħar ta' Mejju, 1973, peress li kien tilef id-dawl. Fl-20 ta' Ġunju ta' l-istess sena, l-Arċipriet Debrincat ġie nominat bħala Monsinjur Onorarju tal-kapitlu tal-Katidral. Hu miet nhar it-23 ta' Mejju, 1982 u midfun fiċ-ċimiterju tal-parroċċa.

Il-ħames Arċipriet tal-parroċċa sar Dun Nikol Vella, minn Kerċem. Dun Nikol li kien kappillan f'raħal twelidu, inħatar Arċipriet bid-digriet '*Cum Paroecialis Ecclesia'* maħruġ fit-3 ta' Settembru u mbagħad għamel il-pussess nhar it-23 ta' l-istess xahar. Matul iż-żmien tiegħu bħala Arċipriet, kienu saru l-festi fl-okkażjoni tat-tlett mitt sena parroċċa, fl-1988, bis-sehem tal-Kardinal Opilio Rossi. Dun Nikol dam arċipriet tal-parroċċa sat-12 ta' Settembru 1988 meta ġie maħtur Monsinjur tal-kapitlu tal-Katidral.

Dun Tarċisju Camilleri, li hu mill-parroċċa stess, hu l-erbatax-il ragħaj u s-sitt Arċipriet tal-parroċċa ta' Sannat. Hu ġie maħtur Arċipriet bid-digtiet ħ nħareġ fil-15 ta' Settembru 1988 u ħa l-pussess nhar it-2 ta' Ottubru 1988.

Din is-sena, il-parroċċa ta' Sannat qegħda tfakkar il-mitt sena mill-għoti tat-titlu Arċipretali. Dan it-titlu mhux biss hu marbut mal-qedem ta' din il-parroċċa iżda fuq kollox tifkira ħajja u rikonoxximent tal-benefatturi kappillani u arċiprieti kollha ta' din il-parroċċa li dejjem għamlu ħilithom biex imexxu bl-aħjar mod din il-parroċċa Arċipretali u Matriċi ta' Santa Margerita.

*Ara: Joseph Bezzina, "Sannat fi Ġrajjet Għawdex", 1989.*